MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 278/2011

Kawza fil-lista: 13

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ipprezenta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta’ Marzu 1992 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel wiehed, Alexander B, li llum huwa maggorenni.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’ kuntratt redatt minn Nutar Nathalie Pace Asciak mis-16 ta’ Gunju 1999;

Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom 12-il sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn /familji godda;

Illi m' hemm l-ebda manteniment dovut f' dan l-istadju stante li l-minuri huwa issa maggorenni, u in oltre l-partijiet iddekadew definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u /jew jircievu manteniment minghand xulxin u dan skont l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fis-26 ta' Marzu, 1992 bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet

sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' Sultana.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------